# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Għoxrin (20) ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 670/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Adrian Agius [KI 328078(M)]**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**
**L-Avukat Ġenerali**
**Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunal**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Ottubru 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

> *Illi nhar l-24 ta' Frar, 2021, l-esponenti flimkien ma' tliet ko-imputati oħra tressaq taħt arrest quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati sabiex iwieġeb għal diversi akkużi;*
>
> *Fost id-diversi akkużi illi l-Prosekuzzjoni għoġobha tixli lir-rikorrenti bihom, il-Prosekuzzjoni xliet lill-esponenti bl-omiċidju tal-Avukat Carmel Chircop, liema omiċidju seħħ nhar it-8 ta' Ottubru, 2015;*
>
> *Illi tali proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Adrian Agius et.**'*

*Fil-mori ta' dawn il-proċeduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, l-esponenti ppreżenta diversi rikorsi li permezz tagħhom huwa talab illi jingħata l-ħelsien mill-arrest madanakollu r-rikorrenti għadu ma bediex jibbenefika minn dan il-ħelsien mill-arrest stante li t-tlett talbiet illi huwa għamel f'dan is-sens, senjatament fl-20 ta' Mejju, 2021, fid-9 ta' Lulju, 2021 kif ukoll fis-17 ta' Awwissu, 2021 kollha ġew miċħuda mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati*

*Illi b'digriet ta'nhar il-**25 ta' Mejju, 2021** it-talba tal-esponenti għall-ħelsien mill-arrest ġiet miċħuda stante li skont il-Qorti tal-Maġistrati, l-istadju kien għadu wieħed bikri fid-dawl tal-gravita' tar-reati li qiegħed jiġi akkużat bihom l-esponenti.*

*Sussegwentament it-tieni talba f'dan is-sens tar-rikorrenti ġiet miċħuda b'digriet tal-Onorabbli Qorti ta' nhar is-**16 ta' Lulju, 2021**. Din id-darba tali talba ġiet miċħuda stante li l-istadju kien wieħed bikri meta wieħed jikkunsidra l-gravita' tar-reati li qiegħed jiġi akkużat bihom l-esponenti kif ukoll a bażi tal-public disorder.*

*In segwitu, t-tielet talba għall-ħelsien mill-arrest tal-esponenti ġiet għal darba oħra miċħuda mill-istess Onorabbli Qorti permezz ta' digriet ta' nhar it-**23 ta' Awwissu, 2021** a bażi tal-allegat public disorder.*

*Illi konsegwentament wara aktar minn sitt snin mill-kummissjoni ta' dan l-omiċidju kif ukoll wara disgħa (9) xhur minn meta r-rikorrenti tressaq taħt arrest quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, l-esponenti għadu qiegħed jinżamm taħt arrest preventiv.*

***A. Dwar il-Ħelsien mill-Arrest (Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem)***

*Jibda' biex jingħad illi kemm l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma jistgħux jiġu kkunsidrati in vacuum iżda għandhom jinqraw u jiġu interpretati fid-dawl tal-Kodiċi Kriminali, senjatament fid-dawl tal-artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-artikolu 575 tal-Kap 9 jipprovdi illi:*

> *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 574(2), fil-każ ta' –*
>
> *(i) imputat ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern, jew*
>
> *(ii) imputat ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija għal għomru, il-qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jiġi meħlus mill-arrest:*

> *-(a) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*
> *(b) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew*
> *(ċ) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew*
> *(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew*
> *(e) jikkommetti xi reat ieħor".*

*Illi huwa a bażi ta' dawn il-biżgħat illi, Qorti, tkun ta' liema kompetenza tkun, tista' tiċħad talba għall-ħelsien mill-arrest.*

***A.1 Dwar iċ-ċaħda a bażi tal-allegat 'public disorder'***

*Illi dwar il-kunċett tal-public disorder, li a bażi tiegħu, ġew miċħuda it-talbiet riċenti tal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti, l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar is-26 ta' Ġunju, 1991 fl-ismijiet '**Letellier vs France**' b'numru ta' Applikazzjoni 12369/86. Fuq dan il-punt ġie retenut illi:*

> *"51. The Court accepts that, by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention, at least for a time. In exceptional circumstances this factor may therefore be taken into account for the purposes of the Convention, in any event in so far as domestic law recognises - as in Article 144 of the Code of Criminal Procedure - the notion of disturbance to public order caused by an offence.*
>
> *However, this ground can be regarded as relevant and sufficient only provided that it is based on facts capable of showing that the accused's release would actually disturb public order. In addition detention will continue to be legitimate only if public order remains actually threatened; its continuation cannot be used to anticipate a custodial sentence.*
>
> *In this case, these conditions were not satisfied. The indictments divisions assessed the need to continue the deprivation of liberty from a purely abstract point of view, taking into consideration only the gravity of the offence. This was despite the fact that the applicant had stressed in her memorials of 16 January 1986 and of 3 March and 10 April 1987 that the mother and sister of the victim had not submitted any observations when she filed her applications for release, whereas they had energetically contested those filed by Mr Moysan (see paragraphs 14 and 24 in fine above); the French courts did not dispute this." (enfasi tal-esponenti)*

*It-tagħlim mgħallem f'Letellier mhux wieħed eċċezzjonali stante li l-istess tagħlim baqa' konsistentament ċitat f'sentenzi sussegwenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet '**J.M. vs Denmark**' b'numru tal-applikazzjoni 34421/09 deċiża b'mod definittiv nhar it-13 ta' Frar, 2013 kif ukoll fis-sentenza '**Maassen vs The Netherlands**' b'numru tal-applikazzjoni 10982/15 deċiża b'mod definittiv riċentament, ossia nhar id-9 ta' Mejju, 2021.*

*Konsegwentament, it-tagħlim ġurisprudenzjali tal-Qrati Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-kunċett tal-public disorder u li a bażi tiegħu tiġi miċħuda talba tal-ħelsien mill-arrest huwa għaldaqstant ċar kristallin.*

*Talba għall-ħelsien mill-arrest tista' tiġi miċħuda a bażi ta' allegat public disorder kemm il-darba l-Leġiżlatur jirrikonoxxi dan il-kunċett bħala wieħed mill-biżgħat fil-Liġi domestika. A contrario sensu, jekk il-Leġiżlatur ma jagħrafx espressament il-kunċett ta' public disorder bħala wieħed minn tali biżgħat, il-Qrati ma jistgħux jiċħdu talba tal-ħelsien mill-arrest a bażi tal-public disorder.*

*Dan kollu huwa msejjes fuq prinċipju bażilari illi fuqu joperaw il-Qrati nostrana, ossia "ubi lex voluit, dixit."*

*Kieku l-Leġiżlatur ried u xtaq illi talba għall-ħelsien mill-arrest tiġi miċħuda a bażi ta' allegata public disorder, kieku kien jilleġiżla f'dan is-sens. Ġialadarba din ma saretx, mela talba għall-ħelsien mill-arrest ma tistax tiġi miċħuda a bażi ta' din ir-raġuni.*

*Eżempju ċar ta' dan huwa l-artikolu 25A(11) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Tali disposizzjoni tipprovdi illi:*

> *(11) Il-Bord ma għandux jagħti dak il-ħelsien f'dawn il-każijiet li ġejjin:*
>
> *(a) meta jkunu għad iridu jiġu deċiżi xi elementi li fuqhom tkun ibbażata talba mill-applikant taħt l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, fejn dik id-deċiżjoni ma tkunx tista' ssir jekk ma jkunx hemm detenzjoni;*
>
> *(b) fejn il-ħelsien tal-applikant jista' jkun ta' theddida għas-sigurezza pubblika jew għall-ordni pubbliku (enfasi tal-esponenti).*

*Dan kollu juri kif il-leġiżlatur, f'każijiet fejn persuna tkun tinsab arrestata jew taħt detenzjoni b'relazzjoni ma' materji konnessi mal-immigrazzjoni, prospetta sitwazzjonijiet fejn persuna tibqa' arrestata a bażi tal-ordni pubblika.*

*Kieku l-Leġiżlatur ried illi jigri l-istess fir-rigward ta' persuni bħar-rikorrenti, kieku kien jinkludi disposizzjoni simili fil-Kodiċi Kriminali, xejn iktar u xejn inqas.*

*Fid-dawl tas-suespost kollu, l-esponenti jemmen l-fatt illi t-talbiet riċenti tiegħu għall-ħelsien mill-arrest qegħdin jiġu miċħuda a bażi tal-allegat "public disorder", liema biża' mhiex waħda speċifikata mil-leġiżlatur, dan qiegħed isir bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif salvagwardjati taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***A.2 Dwar Biżgħat Ulterjuri applikabbli għall-każ odjern***

*Illi għajr għall-allegata biża' tal-public disorder, talbiet preċedenti magħmula mir-rikorrenti ġew miċħuda a bażi tal-istadju illi kienu waslu fihom il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-esponenti.*

*Jingħad mingħajr l-ebda tlaqlieq illi l-ewwel Onorabbli Qorti akkomodat lill-partijiet kemm jista' jkun sabiex il-kawża tkun tista' titmexxa b'mod kemm jista' jkun konvenjenti, tant hu hekk illi f'rinviju wieħed, kien hemm stanzi fejn l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati saħansitra appuntat 5 t'ijiem sħaħ sabiex ikunu jistgħu jinstemgħu kemm jista' jkun xiehda.*

*Fil-fatt jirriżulta mill-atti proċesswali, illi sal-lum, instemgħu aktar minn mija u għoxrin (120) xhud f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta wkoll illi nstemgħu x-xiehda pajżana kollha u għad-dirittura kien hemm seduti skedati sabiex ikompli s-smiegħ tax-xhieda u l-Prosekuzzjoni sostniet illi ma kienu tħarrku l-ebda xiehda, jew għad-dirittura kien tħarrek xhud wieħed jew tnejn jew inkella xiehda li ma għandhom l-ebda relevanza għall-akkużi illi qiegħed jaffaċċja r-rikorrenti iżda jikkonċernaw l-akkużi affaċċjati mill-ko-imputati.*

*L-esponenti jemmen illi għalkemm f'Lulju setgħa kien il-każ illi l-istadju kien wieħed bikri, madanakollu llum il-ġurnata, ossia madwar disgħa xhur mill-preżentata, bl-ebda mod u manjiera ma jista' jkompli jingħad illi l-istadju huwa wieħed bikri.*

*In oltre mingħajr preġudizzju għal dak mistqarr fil-punt preċedenti, ossia dak immarkat bħala A.1, anke jekk għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss dina l-Onorabbli Qorti tasal sabiex tiddeċiedi illi l-ewwel Onorabbli Qorti setgħet tikkunsidra l-kunċett tal-public disorder bħala waħda mill-biżgħat li a bażi tagħha tista' tiġi miċħuda talba għall-ħelsien mill-arrest, madanakollu r-rikorrenti jemmen bis-sħiħ illi jekk jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hija ser tqum l-ebda diżordni pubblika.*

*Għandu jiġi mfakkar illi għalkemm l-esponenti qiegħed jiġi mixli b'omiċidju, madanakollu dan l-omiċidju allegatament ġie kommess aktar minn sitt snin ilu. L-esponenti jtenni illi huma bosta dawk l-imputati illi jinsabu meħlusin mill-arrest wara li ġew istitwiti proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom sabiex iwieġbu għal omiċidji li seħħew wara l-2015 u għalkemm ingħataw il-ħelsien mill-arrest madanakollu ma qamet l-ebda diżordni pubblika.*

*Għaldaqstant fl-umli fehma tar-rikorrenti, tenut kont tal-fatt illi fil-każ odjern ma teżisti l-ebda biża' illi tipprekludih milli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest u għad-dirittura jekk il-Prosekuzzjoni qiegħda tallega xi biża', hija l-Prosekuzzjoni illi trid tipprovaha, il-fatt illi huwa għadu qiegħed jiġi mċaħħad mill-ħelsien mill-arrest qiegħed jiksirlu d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif salvagwardjati taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***Konklużjoni***

*Fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jisħaqq li huwa ampjament ċar li ġew leżi l-imsemmija drittijiet fondamentali tiegħu. Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom;*

   *U*

2. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bħala rilevanti;*

   *U*

3. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skond il-liġi u ċirkostanzi tal-każ.*

2. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2021 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-15 ta' Diċembru 2021 filwaqt illi l-intimati ngħataw għoxrin ġurnata biex jirrispondu.

3. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2021, l-intimat **Direttur Qrati u Tribunali Kriminali** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi in linea preliminari jiġi eċċepit li l-eċċipjenti Direttur Qrati u Tribunali Kriminali assolutament m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanzi attriċi u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*

   2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jidher li f'dan il-każ ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qiegħed jattribwixxu l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal xi nuqqas jew aġir minn naħa tal-esponenti li hu responsabbli biss mill-amministrazzjoni tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

   3. *Illi naturalment l-esponenti m'għandu ebda kontroll fuq il-proċeduri li qed jiġu attakkati u di piu` lanqas ma kien involut jew parti fil-kawża in meritu*

*u għalhekk ġgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhumiex bl-ebda mod tort tal-esponenti.*

4. *Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:*

   *"Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skond il-liġi – u hu ma hux f'posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*

5. *Illi jidher li r-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tiegħu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati li qed tisma` l-kumpilazzjoni u għal dan l-allegat nuqqas żgur li ma jistax iwieġeb jew jiġi tenut responsabbli l-esponenti u f'dan il-kuntest ssir riferenza għal kawża fl-ismijiet* ***Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikatament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.*

6. *Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti jogħġobha tiċħad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

4. Rat illi fid-19 ta' Novembru 2021, l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** laqgħu flimkien għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   *1. Illi in suċċint, ir-rikorrent qiegħed jgħid illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ċaħditu mil-libertà provviżorja fuq bażi jew ċirkostanza u ċioè d-diżordni pubblika, li skond ir-rikorrent, ma ssibx rikonnoximent fil-liġi nostrana. Konsegwentament huwa qiegħed jilmenta minn ksur tad-dritt għal-libertà u s-sigurtà, hekk kif sanċit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tad-Bniedem u fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

   *2. Illi in linea preliminari, l-intimati formalment jeċċepixxu illi għalkemm ir-rikorrent talab tlett darbiet il-libertà provviżorja lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, huwa naqas milli jintavola rikors għal ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti Kriminali, qabel ma preżenta r-rikors odjern quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). Bħala prinċipju ġenerali, meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent, dawn għandhom jiġu adoperati. Ir-rikors ta' natura kostituzzjonali kellu jsir biss, wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humiex disponibbli. Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandha*

*tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha, u dan a tenur tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi:*

> *'Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra';*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi jingħad li l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja huma ntiżi sabiex iħarsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Sabiex id-detenzjoni ma tkunx arbitrarja, dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u ċioè li l-individwu jiġi mħares mill-arbitrajetà. Madanakollu dan il-prinċipju ma huwiex assolut. L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja jikkontjeni lista eżawrjenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-libertà ta' xi persuna, fosthom skond is-subinċiż (1)(ċ), meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-liġi u magħmul sabiex persuna tkun miġjuba quddiem awtorità legali kompetenti, fuq suspett raġonevoli li tali persuna kkomettiet reat, jew meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat il-kommissjoni ta' reat, jew biex jiġi evitat li dik il-persuna taħrab;*

*5. Illi l-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali jagħti l-awtorità lil qorti ta' ġurisdizzjoni penali li tiċħad talba għal ħelsien mill-arrest. Id-dritt għal ħelsien mill-arrest mhuwiex awtomatiku, u l-għoti ta' dan il-ħelsien o meno jiddependi fuq diversi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti. Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tista' tikkonċedi l-ħelsien mill-arrest biss jekk tkun sodisfatta illi ma jkunx hemm periklu li jseħħu n-nuqqasijiet elenkati minn (a) sa (e) fl-Artikolu 575(1), wara li l-istess Qorti tikkunsidra: ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, l-anteċedenti, l-assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tidher li hi rilevanti;*

*6. Illi filwaqt li huwa minnu li l-kliem 'diżordni pubbliku' mhumiex espliċitament imniżżlin fil-lista ta' l-Artikolu sopraċitat, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-lista mhijiex "exhaustive". Din il-lista tinkludi u mhux telenka. Il-frażijiet 'ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ' u 'kull ħaġa oħra li tidher li hi rilevanti' fl-Artikolu imsemmi, qegħdin hemm sabiex jagħtu l-fakulta' lill-ġudikant jevalwa l-każ fl-intier tiegħu u jkun jista' iqis kwalunkwe ċirkostanza li fil-fehma tiegħu tista' timpinġi fuq jew tirriżulta mill-għoti tal-ħelsien mill-arrest. Il-ġudikant li qiegħed jgħix il-każ u li għandu l-provi kollha quddiemu huwa fl-aħjar pożizzjoni sabiex jagħmel din l-evalwazzjoni;*

*7. Illi l-esponenti jeċċepixxu li din l-Onorabbli Qorti ma hijiex Qorti tal-Appell. L-istitut tal-pleġġ jappartjeni għad-dritt penali u jaqa' fi ħdan il-mansjonijiet tal-qrati li jgawdu minn ġurisdizzjoni kriminali. L-għoti tal-libertà provviżorja jew iċ-ċaħda tal-istess għandhom jiġu deċiżi esklussivament mill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni penali. Kif diġa ntqal huma dawn il-qrati li jinsabu fl-*

*aqwa pożizzjoni sabiex jevalwaw u jikkonstataw jekk persuna timmeritax il-ħelsien mill-arrest o meno. Għalhekk qrati kriminali għandhom jeżerċitaw tali diskrezzjoni mhux biss għax il-persuna li titlob tali libertà provviżorja trid isserraħ moħħ il-ġudikant illi ser tidher fil-Qorti meta hekk ordnata iżda wkoll għaliex hija l-istess Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali li hija mogħnija biżżejjed b'ottika u vista pjena taċ-ċirkostanzi kollha tal-persuna li għandha quddiemha;*

*8. Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ċaħdet t-talbiet kollha għal-libertà provviżorja permezz ta' deċiżjonijiet motivati, fejn il-qorti eżerċitat id-diskrezzjoni skond il-Liġi. Il-Qorti għamlet analiżi taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u ddeterminat iċ-ċaħda tal-libertà provviżorja, b'raġunijiet oġġettivi, validi u suffiċjenti. L-aġir tal-Qorti ma kienx kapriċċuż u/jew arbitrarju;*

*9. Illi r-rikorrent qiegħed jipprova jagħti mpressjoni skorretta meta jgħid li d-deċiżjonijiet tal-Qorti kienu msejjsa purament fuq il-possibilita' li jekk ir-rikorrent jinħeles fuq pleġġ, iseħħ diżordni pubbliku. Dan mhuwiex minnu. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ċaħdet it-talbiet għal ħelsien mill-arrest f'Mejju 2021, f'Lulju 2021 u f'Awwissu 2021 għal diversi raġunijiet elaborati fid-digrieti. F'Mejju 2021, il-Qorti ddekratat illi l-istadju tal-proċeduri kien wieħed bikri fid-dawl tal-gravità tar-reati. F'Lulju 2021, il-Qorti ddekratat illi l-istadju tal-proċeduri kien għadu bikri meta wieħed jikkunsidra l-gravità tar-reati kif ukoll id-diżordi pubbliku. F'Awwissu 2021, il-Qorti sejjset iċ-ċaħda tagħha fuq il-gravità tar-reati kif ukoll id-diżordi pubbliku;*

*10.Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma ddeċiditx in vacuo. Id-digrieti mogħtija huma motivati u studjati bir-reqqa, u kien biss wara li l-Qorti kkonstatat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u kull ħaġa oħra li tidher li hi rilevanti li ċaħdet it-talbiet;*

*11.Illi fl-aħħar digriet li tat, datat 23 t'Awwissu 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sostniet –*

> ***'il-gravità tar-reati dejjem trid tibqa' tittieħed in konsiderazzjoni, u dan stante li l-liġi domestika tagħmel aċċenn għall-gravità tar-reat.. kif imsemmija fil-Kap 9, mal-public disorder li tagħmel referenza għaliha l-Qorti Ewropea'.***

*Il-Qorti surreferita rriferit għal każ bl-ismiijiet Yorgen Fenech vs Malta fejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'sentenza li tat fit-23 ta' Marzu 2021, osservat –*

> *'...the authorities must also give other relevant and sufficient grounds to justify the detention. Those other grounds may be a risk of flight, a risk of pressure being brought to bear on witnesses or of evidence being tampered with, a risk of collusion, a risk of reoffending, or **a risk of public disorder** and the related need to protect the detainee (see Buzadji v. the Republic of Moldova [GC], no. 23755/07..'.*

*12.Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat motivazzjoni ġustifikata. Dan qed jingħad fil-kuntest illi r-rikorrent qed jiġi mixli li rrenda ruħu kompliċi fl-omiċidju volontarju ta' Carmel Chircop, liema reat iġorr il-piena ta' għomor priġunerija. Qiegħed jiġi mixli wkoll li ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja għaqda bil-ħsieb li jwettqu reati kriminali. Qiegħed jiġi mixli wkoll li ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet tal-għaqda msemmija, inkluż iżda mhux limitat għall-għoti ta' nformazzjoni jew ta' meżżi jew materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda. Apparti minn hekk, fl-istess proċeduri, qiegħed jiġi mixli wkoll b'pussess ta' droga eroina;*

*Ir-rikorrent ġie mressaq kontestwalment ma' ko-akkużati li qegħdin jiġu mixlijja b'reat t'omiċidju volontarju ieħor. Apparti minn hekk, Vincent Muscat huwa xhud prinċipali fil-proċeduri miġjuba kontra r-rikorrent u ngħata l-proklama biex jikxef u jixhed dwar l-involviment tar-rikorrent. Vincent Muscat mhuwiex persuna kwalunkwe. Huwa pentito li ta dettalji xokkanti dwar ix-xibka ta' kriminalita' li allegatament jifforma parti minnha r-rikorrent. Jidher li din ix-xibka ta' kriminalita' setgħet kienet involuta f'minn tal-inqas l-omiċidju volontarju ta' l-avukat Carmel Chircop u l-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia. Huwa propju għalhekk li l-każ kien u għadu jiġi segwit bir-reqqa kemm lokalment kif ukoll barra minn xtutna. Id-dettalji dwar l-ippjannar u l-eżekuzzjoni tar-reati saru notorji;*

*13.Illi huwa għalhekk li l-pubbliku indubjament ser jirreaġixxi u huwa prevedibbli li jkun hemm diżordni pubbliku jekk ir-rikorrent ikun irrilaxxat – speċjalment f'dan l-istadju tal-proċeduri li nbdew din is-sena u ċioè fl-2021, u sallum tressqu mal-120 xhud biex jiddeponu fil-kumpilazzjoni tal-provi;*

*14.Illi f'dan is-sens issir referenza għas-sentenza mogħtija nhar is-27 t'Ottubru 2021 fl-ismijiet Alfred Degiorgio u George Degiorgio vs l-Avukat tal-Istat fejn il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet –*

> *'Fiċ-ċirkostanzi mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li f'każ bħal dan fejn si tratta ta' attivita' kriminali fuq din l-iskala, ir-riskju li jekk tingħata l-ħelsien mill-arrest isir xi forma ta' pressjoni fuq ħaddieħor hu reali u għoli (ara per eżempju sentenza tal-QEDB Podeschi v. San Marino tat-13 t'April 2017 (paragrafu 149). Il-Qorti tagħraf li perjodu ta' detenzjoni ta' kważi erba' snin hu konsiderevoli. Però f'każ bħal dan, sal-lum l-interess pubbliku jitlob li l-appellanti jibqgħu detenuti .'*

*15.Illi inoltre l-Gwida dwar l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tgħallimna –*

> *'It is accepted that, by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention, at least for a time'.*
>
> *Fl-istess vena, ġurista awtorevoli tirritjeni –*
>
> *'Some offences owing to their gravity and the public reaction to them may give rise to public disquiet capable of justifying pre-trial detention, at least for a time '.*

*16.Illi allura, l-esponenti ma jaqblu xejn ma dak li ġie ddikjarat fir-rikors promotur li l-diżordi pubblika ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni mill-ġudikant meta jikkonsidra t-talbiet għal ħelsien mill-arrest. Il-liġi diretta stess, senjatament l-Artikolu 575 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti diskrezzjoni lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali biex tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u kull ħaġa oħra li tidher li hi rilevanti. Ċertament li taħt din id-diċitura li addotta l-leġislatur Malti, il-prinċipju ta' 'public order' li tisħaq fuqu l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa maqbud u nkluż bħala wieħed mill-fatturi li dina l-Onorabbli Qorti tista' tutilizza meta tkun qiegħda teżamina talba għall-għoti mill-ħelsien mill-arrest;*

*17.Illi Qorti munita b'ġurisdizzjoni kriminali li tiddetermina l-libertà provvizjorja o meno tal-akkużat quddiemha, trid toħloq bilanċ bejn l-interessi tal-persuna detenuta u l-interessi aktar wiesgħa tal-kommunità u tal-ġustizzja. Għalhekk Qorti ta' tali kompetenza għandha r-responsabbilità li tikkonsidra l-interess pubbliku kif wara kollox ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ surreferit. Qorti hija fid-dover li tiżen fuq il-bilanċ tal-Ġustizzja l-interessi tal-vittmi, l-familjari u l-kommunità, u l-interessi tal-akkużat, u dan sabiex tagħmel ġustizzja u tippreserva l-ordni pubbliku. Dan għaliex il-ġustizzja ma tridx issir mal-akkużati biss iżda anke, speċjalment, mal-vittmi, u kif ukoll mal-kommunità in ġenerali tenut kont tal-impatt notevoli li tali omiċidju kellu f'dan il-kuntest, anke fuq il-professjoni legali stess;*

*18.Illi għalhekk fil-każ odjern, iċ-ċaħdiet tal-libertà personali tar-rikorrent saru skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għaliex kienu mwettqa skond proċedura stabbilita b'liġi, u ż-żamma hija legalment ġustifikata;*

*19.Illi għalhekk ġie muri u jirriżulta ampjament illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ma ġiex leż, kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent;*

*20.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

## Provi

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Emerenziana Agius**, bħala rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fis-17 ta' Frar 2022.

6. Semgħet ix-xhieda tas-**Supretendent Keith Arnaud**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-17 ta' Frar 2022 u rat il-kopji tat-tlett digrieti datati 20 ta' Mejju 2021, 9 ta' Lulju 2021 u 17 ta' Awissu 2021, illi ma kinux ġew ippreżentati mir-rikorrent, iżda li kopja informali tagħhom ġew ippreżentati mill-istess xhud. (fol 34 et seq)

7. Rat illi fis-seduta tal-1 ta’ Marzu 2022, l-Avukat tal-Istat għarraf lill-Qorti illi l-Avukat Ġenerali ma kienx għaddielhom id-dokumentazzjoni kollha relatata għall-każ odjern fejn l-Avukat Ġenerali ġġustifikat tali rifjut billi għażlet illi tapplika l-Artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-Avukat tal-Istat.

8. Rat illi fl-4 ta’ Marzu 2022, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali eżebixxa vera kopja tad-digrieti tal-25 ta’ Mejju 2021, 16 ta’ Lulju 2021 u 23 ta’ Awissu 2021 li l-Avukat Ġenerali irrifjutat illi tgħaddi lill-Avukat tal-Istat.

9. Semgħet ix-xhieda ta’ **Dr Federico Barbaro Sant**, bħala rappreżentant tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-17 ta’ Marzu 2022, fejn eżebixxa kopja tar-rinviju mibgħut mill-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja a tenur tal-Artikolu 405 tal-Kap 9 u datat 7 ta’ Marzu 2022 (fol 65).

10. Rat illi r-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta fis-17 ta’ Marzu 2022.

11. Semgħet ix-xhieda ta’ **Doris Fenech**, bħala rappreżentant tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, prodott mill-intimati Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat, u mogħtija fis-17 ta’ Marzu 2022, fejn għarrfet lill-Qorti illi kienet għadha qiegħda tikkompila kopja tad-dokumentazzjoni mitluba lilha mill-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, u għalhekk il-Qorti awtorizzatha sabiex tippreżenta tali dokumentazzjoni fil-mori tad-differiment, permezz ta’ nota.

12. Semgħet ix-xhieda ta’ l-**Ispettur Shawn Pawney**, prodott mill-intimati Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat, u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija l-akkużi miġjuba fil-konfront tar-rikorrent flimkien ma’ terzi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. (fol 73)

13. Rat illi fis-17 ta’ Marzu 2022, il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali.

14. Rat illi fil-25 ta’ Marzu 2022, ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ippreżenta serje ta’ dokumentazzjoni mitluba mill-Avukat tal-Istat fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2022 stante illi mhux mqiegħda a disposizzjoni tiegħu mill-Avukat Ġenerali.

15. Rat illi fl-4 ta’ April 2022, l-Avukat tal-Istat talab differiment stante illi kkontenda illi d-dokumentazzjoni ppreżentata mir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ma kinux ġew a konoxxenza tagħhom, kemm għax l-proċess kien qiegħed jinżamm fis-sigrieta tal-Qorti in vista tan-natura sensittiva tal-kawża, kif ukoll stante illi l-Avukat Ġenerali ma kienx qiegħed jipprovdilhom aċċess għal tali dokumentazzjoni.

16. Rat illi fl-4 ta’ April 2022, il-Qorti ċaħdet it-talba għal differiment.

17. Semgħet it-trattazzjoni orali ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-7 ta’ April 2022, wara liema data il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

18. Jirriżulta illi r-rikorrent Adrian Agius, fl-24 ta’ Frar 2021, tressaq il-Qorti akkużat talli:

a. Irrenda ruħu kompliċi fil-qtil ta' Carmel Chircop billi, fost affarjiet oħra, ta' l-ordni għal qtil tiegħu jew ġiegħlu lil George Degorgio u/jew Jamie Vella jikkaġunaw il-mewt ta' l-istess Carmel Chircop b'mezz ta' rigal jew wegħdiet jew billi taw l-armi, għodod jew mezzi oħra biex ikun jista' jinqatel Carmel Chircop;

b. Ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettaq reat kriminali;

c. Ipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda;

d. Kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina.

19. Jirriżulta illi minn dakinhar illi tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, bdew jiġu kompilati l-provi fil-konfront tar-rikorrent kif ukoll terzi miegħu akkużati, lkoll mressqa w mixlija bl-istess reati.

20. Jirriżulta illi waqt il-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, ir-rikorrent, tramite il-konsulenti legali tiegħu, talab għall-ħelsien mill-arrest tlett darbiet:

a. Permezz ta' rikors intavolat fl-**<u>20 ta' Mejju 2021</u>** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, ir-rikorrent ikkontenda illi "*huwa tal-fehma illi l-ebda biża' ravviżata taħt l-artikolu 575 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ma' tissussisti*" (fol 350) u għalhekk talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest. L-Avukat Ġenerali permezz ta' nota ppreżentata fil-21 ta' Mejju 2021, oġġezzjoni għal tali talba. Eventwalment, permezz ta' digriet datat ***25 ta' Mejju 2021***, il-Qorti, wara studju estensiv tal-aspetti legali tal-kwistjoni, ikkonkludiet (fol 353) illi "*għadha teżisti dik il-biża' reali ravviżata fl-artikolu 575*", kif ukoll rat, "*in-natura tal-gravita' u s-serjeta ta' l-akkużi li l-imputat ġie mixli bihom*", u għalhekk ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest.

b. Permezz ta' rikors intavolat fid-**<u>9 ta' Lulju 2021</u>** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, għal darba oħra, r-rikorrent talab illi jingħata l-ħelsien mill-arrest, għal liema rikjesta oġġezzjona l-Avukat Ġenerali fit-13 ta' Lulju 2021. Permezz ta' digriet datat ***16 ta' Lulju 2021*** (fol 53), il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja reġgħet, għal darba oħra, wara studju tal-aspetti legali tal-kwistjoni, ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest filwaqt illi kellha dan xi tgħid:

> "*huwa minnu dak li qed tgħid id-difiża li ormaj il-qorti semgħet ammont sostanzjali ta' xhieda iżda jrid ikun hemm bilanċ u proporzjon bejn iż-żamma kontinwata taħt arrest tal-imputat u l-gravita' tar-reati li tagħhom huwa akkużat*".

c. Permezz ta' rikors intavolat fis-**<u>17 ta' Awissu 2021</u>** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, għal darba oħra, r-rikorrent talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest, għal liema rikjesta l-Avukat Ġenerali reġa' oġġezzjona fit - 18 ta' Awissu 2021. Għal darba oħra, permezz ta' digriet studjat mogħti fit-***23 ta' Awwissu 2021***, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja reġgħet ċaħdet it-talba għall-ħelsien mill-arrest, filwaqt illi kellha dan xi tgħid din id-darba:

> "*Il-gravita' tar-reati dejjem trid tibqa' tittieħed in konsiderazzjoni, u dan stante li l-liġi domestika tagħmel aċċenn għall-gravita' tar-reat, din il-Qorti tallaċċja l-gravita' tar-reat kif imsemmi fil-Kap 9 mal-public disorder li tagħmel referenza għaliha l-Qorti Ewropeja. Il-gravita' li magħha ġġib ċerta livell ta' public disorder f'każ li l-imputat jingħata l-ħelsien mill-arrest f'dana l-istadju.*"

21. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fid-19 ta' Ottubru 2021.

22. Jirriżulta, madanakollu, illi fil-mori tal-proċeduri odjerni, fil-**<u>15 ta' Diċembru 2021</u>**, ir-rikorrent talab, din id-darba quddiem il-Qorti Kriminali, illi jingħata l-ħelsien mill-arrest. (fol 355) L-Avukat Ġenerali oġġezzjona permezz ta' risposta preżentata fis-16 ta' Diċembru 2021. Il-Qorti Kriminali, wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet li saret fl-20 ta' Diċembru 2021, fil-***21 ta' Diċembru 2021*** għaddiet biex ċaħdet it-talba tar-rikorrenti, fejn għamlet is-segwenti osservazzjoni illi jimmerita li jiġi hawn riprodott:

> *" Illi l-kompitu tal-Qorti hu li tara jekk jeżistux il-biżgħat ravviżati fl-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali u meta eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha tqis illi r-rikorrent hu imputat b'reati ta' natura serjissima, fosthom dik li ppromwova, inter alia, għaqda kriminuża. Din l-imputazzjoni waħedha diġa tqanqal il-biża' tal-ħarba jew il-kommissjoni ta' reati oħra anke, naturalment, jekk din għad trid tkun pruvatha u deċiża. Dan għalhekk qed jingħad mingħajr preġudizzju għad-dritt sagrosant tal-presunzjoni tal-innoċenza. Iżda, f'dan l-istadju prekarju tal-ġbir tal-provi dwar allegati delitti ta' natura mill-aktar serja, din il-Qorti trid tkun konvinta li ma jeżistux il-biżgħat ravviżati fl-artikolu 575 u minn dawn, magħdud man-natura serja tar-reati addebitati ... il-Qorti ma hijiex hekk konvinta".*

23. Jirriżulta, nelfrattemp, li permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi, in vista tal-oġġezzjoni ripetuta tal-Avukat Ġenerali w il-konsegwenti ċaħda ripetuta tal-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest, dana l-aġir qiegħed jikser id-dritt fondamentali tiegħu billi qed jiġi pprivat mill-liberta' personali tiegħu kif lilu protett mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

24. Jirriżulta illi r-rikorrent indirizza l-azzjoni odjerna lejn tlett partijiet:

- ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali,
- l-Avukat tal-Istat u
- l-Avukat Ġenerali.

**<u>Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali</u>**

25. Jirriżulta illi, fid-difiża tiegħu, r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali saħaq illi huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, stante illi huwa biss responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati u għalhekk ma jista' qatt jinstab responsabbli.

26. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi ma huwiex minnu illi r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati, iżda hija id-Direttur Ġenerali tal-Qrati li hija responsabbli minn dan, u dan kif jirriżulta mill-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.21.

27. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi, a tenur tal-Leġislazzoni Sussidjarja 9.02, il-funzjoni tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali huwa dak li jidderieġi r-Reġistri tal-Qrati Kriminali kif ukoll jeżegwixxu d-direzzjonijiet kollha mogħtija lilhom mill-Qrati.

28. Għalhekk, huwa minnu illi r-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali, qatt ma messhom ġew inklużi fil-proċeduri odjerni, peress illi dak ilmentat mir-rikorrent ma jista' qatt jiġi indirizzat lejn ir-Reġistratur.

29. Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali, qed tintlaqa' u qiegħed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż esklussivament tar-rikorrent.

**<u>L-Avukat Ġenerali u L-Avukat tal-Istat</u>**

30. Qabel ma tibda tikkunsidra d-difiżi ta' dawna ż-żewġt intimati, li saru konġuntivament u li għalih iffirma biss l-Avukat tal-Istat, din il-Qorti ma tistax ma tesprimix il-konsternazzjoni u tħassib serju tagħha dwar l-intransiġenza w in-nuqqas lampanti da' parte tal-Avukat Ġenerali milli tipprovdi d-dokumentazzjoni lill-Avukat tal-Istat, taħt il-pretest illi l-Artkolu 518 tal-Kap 9 jipprekludiha milli tagħmel dan.

31. **Il-Qorti tosserva illi huwa tassew inverosimili w inkredibbli li, fis-sena elfejn u tnejn u għoxrin, l-Avukat Ġenerali tista' b'xi mod, tkompli taqbad ma' dawna l-iskużi proċedurali u anakronistiċi sabiex tipprova timmina l-proċeduri odjerni billi ċaħħad lill-Avukat tal-Istat, illi wara kollox huwa ukoll qiegħed jidher fil-proċeduri odjerni bħala "*avukat*" fl-interess tal-Avukat Ġenerali ukoll, milli jara l-atti tal-proċeduri kriminali li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti fil-proċeduri odjerni, bir-riżultat illi dina l-Qorti kienet ukoll prekluża milli tara l-istess atti sakemm hija ordnat lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali, sabiex jeżebixxi uħud mill-atti.**

32. **L-aġir tal-Avukat Ġenerali huwa daqs li kieku persuna jqabbad is-servizzi ta' avukat iżda jirrifjuta illi jgħaddi dokumentazzjoni importanti lill-Avukat tiegħu meta dana qiegħed jipprova jiddefendi każ miġjub kontra l-istess persuna – aġir ċertament inverosimili, inkreduli u mhux f'loku.**

33. **Din il-Qorti tistqarr illi l-poteri tal-Avukat Ġenerali f'ċerta oqsma tal-kamp proċedurali kriminali jmorru ferm oltre dak li wieħed jista' jqis bħala raġjonevoli w ċertament l-intransiġenza tal-Avukat Ġenerali riżultat tal-poteri unilaterali lilha mogħtija qed jikkawżaw dewmien u staġnar inutili ta' proċeduri kriminali minħabba dilungar inutili, intransiġenza barra minn lokha w ineffiċjenza fit-tmexxija tal-proċessi kriminali.**

34. Madanakollu, fil-każ odjern, dana ma huwiex l-ilment magħmul mir-rikorrent, u għalhekk il-Qorti tieqaf milli tkompli tagħmel konsiderazzjonijiet dwar tali tħassib serju tagħha filwaqt illi **tittama li fil-futur qarib, emendi legali jiġu varati b'mod ħolistiku**

**sabiex, il-prerogattiva unilaterali u indisputabbli tal-Avukat Ġenerali f'varji oqsma tiġi aktar limitata, u din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata sabiex il-proċeduri anakronistiċi adoperati, illum il-ġurnata, unikament biex itawlu u jxekklu l-proċeduri kriminali, jiġu eliminati għal kollox.**

**Difiżi**

***Difiża preliminari***

35. L-Avukat tal-Istat, għan-nom tiegħu u għall-Avukat Ġenerali, beda biex iqajjem eċċezzjoni preliminari, fis-sens illi saħaq li r-rikorrent naqas milli jintavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali, u għalhekk ma eżawrix ir-rimedji ordinarji tiegħu.

36. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt li jirriżulta li, waqt il-mori tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent attwlament talab lill-Qorti Kriminali għall-ħelsien mill-arrest, liema talba ġiet miċħuda fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Liġi mkien ma tirrikjedi li talba għall-ħelsien mill-arrest tista' ssir quddiem il-Qorti Kriminali f'każ li dina tiġi rifjutata mill-Qorti tal-Maġistrati, w għalhekk ċertament ir-rikorrent kien eżawrixxa r-rimedji tiegħu meta, għal tlett darbiet, talab il-ħelsien mill-arrest lill-Qorti tal-Maġistrati.

37. Għalhekk tali eċċezzjoni preliminari ma timmeritax illi tiġi akkolta.

***Difiża fil-meritu***

38. Jirriżulta illi, fil-meritu, l-Avukat tal-Istat jikkontendi illi ċ-ċaħda tal-liberta personali tar-rikorrent sar skond id-disposizzjonjiet kemm tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress illi filwaqt illi dawna l-Artikoli jħarsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja, tali prinċipju ma huwiex wieħed assolut stante illi l-liberta ta' persuna tista' titneħħa, fost raġunijiet oħra, fuq suspett raġjonevoli illi persuna tkun ikkommettiet reat.

39. Jirriżulta illi tali difiża twassal il-Qorti sabiex tikkunsidra l-ilment prinċipali tar-rikorrent, ossija li l-fatt li t-talba għall-ħelsien tal-arrest tiegħu qiegħda tiġi miċħuda abbażi ta' allegat "*public disorder*" hija bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

40. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimati jagħmlu referenza ampja għall ġurisprudenza, kemm nostrana kif ukoll tal-EcHR, b'referenza għal-prinċipju tal-ħelsien mill-arrest u l-limitazzjonijiet aċċettabbli in konnessjoni mal-għoti u ċaħda ta' tali ħelsien.

41. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, fit-tlett istanzi fejn ċaħdet it-talba għal ħelsien mill-arrest, daħlet fir-reqqa fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn anke għamlet referenza għad-deċiżjoni ta' l-istess qorti f'kawża relatata ma' proċeduri lokali, ossija dik ta' Yorgen Fenech deċiża mill-EcHR fit 23 ta' Marzu 2021.

42. Il-Qorti tirrileva illi ilment bħal dak imqajjem mir-rikorrent, reċentement ġie imqajjem f'varji qrati oħra nostrani fi proċeduri oħra kontra persuni oħra, uħud minnhom konnessi mar-rikorrent stess, u uħud minnhom in konnessjoni ma' reat simili għal dak li tiegħu

jinsab akkużat ir-rikorrent, u li għalih jinsabu akkużati persuni allegatament konnessi mar-rikorrent stess.

43. Fil-kawża '**Alfred Degiorgio et vs l-Avukat tal-Istat**', deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru 2021, dwar deċiżjoni ta' ċaħda għal ħelsien mill-arrest fuq akkużi ta' attivita' kriminali simili għal dawk imputati fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti kellha dan xi tgħid:

*Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li f'każ bħal dan fejn si tratta ta' attivita` kriminali fuq din l-iskala, ir-riskju li jekk tingħata l-ħelsien mill-arrest isir xi forma ta' pressjoni fuq ħaddieħor hu reali u għoli (ara per eżempju sentenza tal-QEDB Podeschi v. San Marino tat-13 ta' April 2017, paragrafu 149). Il-Qorti tagħraf li perjodu ta' detenzjoni ta' kważi erba' snin hu konsiderevoli. Pero` f'każ bħal dan sal-lum l-interess pubbliku jitlob li l-appellanti jibqgħu detenuti, b'dan li l-Avukat Ġenerali u l-qorti kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom li wkoll fl-interess ġenerali dan il-każ jingħata l-prijorita` li hemm bżonn li jingħata. Każijiet ta' din l-iskala u serjeta`, li bħalu hemm oħrajn pendenti, ikomplu jikkonfermaw kemm hemm bżonn li l-Gvern jagħti ħafna iktar riżorsi lill-qrati sabiex il-ġustizzja tkun tista' ssir fi żmien raġonevoli fl-interess ġenerali wkoll. Dan apparti li l-proċedura ta' kif isiru dawn it-tip ta' każijiet u oħrajn quddiem il-qrati kriminali hi antikwata u twassal għal dewmien bla bżonn. Hemm bżonn li l-leġislatur jieqaf ikaxkar saqajh dwar din il-materja u jintroduċi emendi radikali. L-esiġenzi tas-soċjeta` tal-lum huma ferm differenti minn dawk tal-passat, u l-proċedura li għad għandna m'hijiex adegwata.*

44. Fil-kawża '**Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat et**' deċiża mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2022, dwar ilment simili għal dak tar-rikorrent dwar "*public disorder u interess pubbliku*", il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar argumentazzjoni simili għal dik ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent:

*Verament in kwantu hawn titratta l-liberta' ta' persuna, l-Qrati iridu jkunu kawti f'dak li jimilita kontra. Pero' il-kelma tal-liġi tagħti lok għal kunsiderazzjonijiet oħra lill-Qorti tista' tagħmel meta tkun qed teżamina t-talba għal ħelsien mill-arrest bl-użu tal-kliem ' "... kull xi ħaga oħra li tidher li hi rilevanti" u li tagħtiha sodisfazzjon li jekk l-imputat jiġi meħlus mill-arrest ma jiġux riskontrati l-perikli ennuċjati fis-sub paragrafi (a) sa (e) ta' l-artikolu 575(1). Ma din il-kunsiderazzjoni l-Qorti iżid li qajla wieħed jista' jaħrab ukoll, u dan dejjem marbut mal-kelma tal-liġi riflessa fl-artikolu in eżami, illi fl-istess hemm provdut li l-Qorti għandha tara ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ biex tgħaddi għad-digriet tagħha.*

45. Dik l-istess Qorti kompliet tgħid hekk dwar tali kwistjoni:

*... il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Letellier vs France u Tomasi vs France u oħrajn in materja ukoll msemmija mill-partijiet. Il-Qorti hija konxja tal-fatt lil-liġi kriminali Franċiża għandha dan ir-rekwiżit t'ordni pubbliku stipulat fl-Artikolu 144 tal-Kodiċi Kriminali Franċiż fil-kunsiderazzjonijiet tagħha għal għoti għal ħelsien mill-arrest, a contrario tal-liġi domestika tagħna, <u>pero' tibqa' tal-fehma illi tali kunsiderazzjoni t'ordni pubbliku u interess pubbliku jsib konfort kif ingħad fis-</u>*

> *sentenza ta' ftuħ ta' l-artikolu 575 tal-Kap 9, għalkemm kif għamlu l-Qrati tagħna fid-digrieti imsemmija, tali kunsiderazzjoni ma' tista qatt tkun mogħtija n iżolazzjoni mingħajr kunsiderazzjoni t'elementi oħra stipulati fl-imsemmi artikolu.* (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

46. Din il-Qorti, filwaqt ili tabbraċċja l-veduti u tagħlim espress mill-Qrati kif fuq kkwotati, tirrileva illi fit-tlett digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati fuq imsemmija, partikolarment fl-aħħar digriet tagħha, ossija dak tat-23 ta' Awissu 2021, dik il-Qorti, waqt illi kienet qiegħda tagħmel il-konsiderazzjonijet tagħha u għamlet referenza għall-prinċipju ta' "*public disorder*" enunċjat fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, u li abbażi tiegħu r-rikorrent qiegħed jilmenta ksur, għamlitha ċara illi d-deċiżjoni tagħha li wassal għar-rifjut tal-ħelsien mill-arrest ma kienx ibbażat **unikament** fuq l-argument ta' "*public disorder*", iżda abbinat tali kunċett wkoll ma' elementi oħra, fosthom il-gravita' tar-reat illi dwaru jinsab akkużat ir-rikorrent.

47. Din il-Qorti ma tistax ma' tosservax illi, abbażi tal-akkużi kif elenkati fl-imputazzjoniijet miġjuba kontra r-rikorrent u eżebiti fl-atti odjerni, ir-rikorrent, mhux biss qiegħed jiġi akkużat talli kien involut fil-qtil kiesaħ u biered ta' l-Avukat Carmel Chircop u dan billi, fost affarjiet oħra, ta' istruzzjonijet sabiex dana jseħħ, iżda talli huwa kkostitwixxa, organizza u iffinanzja għaqda kriminali bil-ħsieb illi jikkommetti reati kriminali, fosthom dak tal-qtil ta' Dr Carmel Chircop, liema reat, kif irrilevat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fuq riferuta, hija ta' gravita' tali li ċertament, kellha twassal lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest.

48. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għal dak ikkontemplat fl-Artikolu 575 tal-Kap 9, fejn jingħad illi:

> *il-qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevant, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-impitat jekk jiġi meħlus mill-arrest:-*
>
> *(a) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*
> *(b) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew*
> *(c) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilhaxieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew*
> *(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew*
> *(e) jikkommetti xi reat ieħor.*

49. Il-Qorti, hekk kif fliet fir-reqqa t-tlett digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati, partikolarment l-aħħar wieħed, li jidher li wassal ir-rikorrent sabiex jintavola l-proċeduri odjerni, jidher ċar illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, il-Qorti tal-Maġistrati ma ċaħditx it-talba għall-ħelsien tal-arrest unikament fuq il-bażi ta' "*public disorder*", iżda ċaħdet tali talba abbażi tal-gravita tar-reat abbinat mal-element ta' "*public disorder*" illi l-ħelsien tar-rikorrent seta jwassal f'każ illi jingħata l-ħelsien mill-arrest.

50. Il-Qorti tosserva illi, abbażi tal-Artikolu 575 (1) kif fuq riprodott, il-Qorti tal-Maġistrati kellha kull jedd illi tqis "*kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevanti*", foshom l-element ta' "*public disorder*" li dwarha tant jilmenta r-rikorrent u li abbażi tagħha huwa intavola tali rikjesta.

51. Il-Qorti tisħaq li, kif osservat korrettement il-Qorti tal-Maġistrati fil-varji digrieti tagħha, il-jedd għal ħelsien mill-arrest ma huwiex jedd awtomatiku għar-rikorrent, iżda dana għandu jkun soġġett għall-garanziji kif fuq riprodotti, u ħadd aħjar mill-Qorti tal-Maġistrati ma huwa f'posizzjoni illi jivvaluta jekk dawk il-garanziji humiex ser jiġu ppreġudikati jew le f'każ ta' ħelsien mill-arrest.

**52. Il-gravita' tal-akkużi miġjuba fil-konfront tar-rikorrent huma tali illi ċertament kwalsiasi Qorti għandha tqis b'mod kawt u ċirkospett iċ-ċirkostanzi kollha indikati fl-Artikolu 575, bir-riżultat illi, kwalsiasi rifjut da' parte ta' tali Qorti ma jista' qatt jitqies bħala illi r-rikorrent qiegħed jiġi pprivat mill-liberta personali tiegħu bi ksur tal-Kostituzzjoni w il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda semmai għandu jitqies bħala eċerċizzju tal-obbligu illi l-Qrati għandhom lejn is-soċjeta' in Ġenerali illi jipproteġu l-interess pubbliku, li huwa l-obbligu prinċipali illi l-Qrati għandhom lejn kull ċittadin Malti, inkluż ir-rikorrent, liema interess pubbliku, mill-atti eżaminati mill-Qorti, jidher ċar li huwa rilevanti u suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-indħil fid-dritt tal-ħelsien personali tar-rikorrent.**

53. Fil-każ odjern, din il-Qorti ma għandha ebda dubju illi, in vista tal-gravita' tal-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent, l-aġir tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat ma seta' wassal qatt għal ebda leżjoni tad-drittijiet ta' liberta personali tar-rikorrent, u għalhekk, it-talba tar-rikorrent, kif dedotta, ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment stante illi r-rikorrent Adrian Agius ma sofra ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali abbażi tah l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti u l-Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti,

**Tiċħad** l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat, filwaqt illi;

**Tilqa'** l-eċċezzjonjiet l-oħra fejn jirrigwardaw il-meritu tal-każ odjern, u għalhekk;

**Tiċħad** it-talbiet kollha rikorrenti kif dedotti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent, għajr għal dawk tal-Avukat Ġenerali illi għandhom jibqgħu a kariku tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**